MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 701/2012

**Mizzi Limited [C-1041]**

**vs**

**Rita MAGGI [ID. Nru. 84703(L)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-15 ta' Ottubru, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elfejn mija hamsa u hamsin euro u dsatax-il centezmu ta' euro [€2,155.19c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Il-konvenuta ghandha thallas is-somma ta' ewro 2,155,19 (elfejn u mija u hamsa u hamsin ewro u dsatax-il centezmu) bilanc min ammont akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha fil-hanut "Home & Away", Main Street, Birkrikara u dank if jirrizulta mill-anness dokument mmarkat Dok. A.

Bl-imghaxijiet mis-16 ta' Marzu 2009 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha l-konvenuta li hija ngunta in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar id-9 ta' Jannar, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar id-9 ta' Jannar, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn mija hamsa u hamsin euro u dsatax-il centezmu ta' euro [€2,155.19c], bl-imghax kif mitlub mis-16 ta' Marzu, 2009.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------